MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2009

Numru. 945/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**-vs-**

**Simon Lanzon**
**Omissis**

Kumpilazzjoni Numru: 945/209

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Simon Lanzon, iben Saviour u Mary xebba Callus, imwieled nhar id-29 ta’ Dicembru, 1970 gewwa l-Pieta’, u li joghqod fil-fond 75, Brendon, Triq ix-Xintill, Tarxien u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 26871(M),

U

Omissis

Akkuzati talli llum nhar is-7 ta’ Frar, 2009 ghall-habta ta’ nofs in-nhar mill-fish Farms tal-Mistra limiti tal-Mellieha, ikkommettew serq ta’ hut tar-razza Spnot, b’piz totali ta’ 105KG u valur ta’ 189 Euros ghad-detriment ta’ Robert Aquilina u jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-persuna u bix-xorta tal-haga misruqa.

Rat l-artikoli 261(d)(g), 268 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat General sa biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazjoni dwar il-piena

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat in kwistjoni, l-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, u l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(d)(g), 268 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu

446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommeti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------